

Frans u Miriam f'għeluq il-50 anniversarju taż-żwieġ tagħhom.



Mal-Kardinal Thomas J. Winning.

# KOPPJI TA' VERU

## *Frans u Miriam Portelli*

## X'JGĦID FRANS DWAR MIRIAM?

**Kif u fejn iltqajt ma' martek?**
Il-familja tagħna konna ngħaddu s-sajf San Pawl il-Baħar, villeġġjatura. L-istess il-familja ta' Miriam. Ma konniex noqgħodu bogħod minn xulxin, kantuniera bogħod kollox. Lil Miriam kont naraha spiss, imma qatt ma konna tkellimna. Sakemm darba nzertajtha u bħal ħassejt leħen ġo fija jgħidli: "dik it-tfajla trid tkun tiegħek". Agħmilt il-kuraġġ, kellimtha u minn hemm komplejt fuq dak li kont ħassejt. U ma jiddispjaċini xejn.

**Kif ħassejtek l-ewwel darba li ltqajtu u ħriġtu flimkien?**
Eċċitament kbir! Ħassejna ruħna ma nafux x'ser naqbdu nagħmlu bina nfusna, x'ser ngħidu, fejn se mmorru. Imma mbagħad drajna lil xulxin. Il-ħruġ tagħna kien ikun xi passiġġata, speċjalment fis-Sajf, fl-inħawi ta' San Pawl. Ix-Xitwa kienet tkun differenti. Miriam kienet taħdem Barclays Bank il-belt, u kont immur nistenniha toħroġ mix-xogħol biex inwassalha d-dar. Imma jien kelli regola ta' missieri, li sad-9.00pm ridt inkun lura d-dar miġbur, u ma kontx nissogra ma nobdiehx.

**X'jogħġbok l-aktar fiha? Fiex tammiraha? Hemm xi ħaġa li ddejqek?**
Miriam mara bieżla ħafna, tħobb kollox eżatt u perfett. Mara nadifa ħafna, u d-dar dejjem xummiema. Allura ma jistax jonqos li xi ftit fitta fit-tindif u t-tfarfir ukoll. Jien ngħidilha li d-dar pupilla, imma hi tgħidli li xorta hemm bżonn ta' tfarfira! Naħseb għad nispiċċa nibda' ntella' xi barmil trab id-dar biex żgur ikun hemm trab xi ssib għat-tfarfir, għax jien ma narahx! Dawk l-argumenti tagħna nsomma, argumenti ħelwin ukoll li jħalluli tbissima meta nirrakkonta dwarhom.

**Esperjenza sabiħa li kellek ma' martek.**
Miriam tatni ħafna esperjenzi sbieħ f'ħajti. Kull deċiżjoni f'ħajjitna ħadniha flimkien, sa minn meta żżewwiġna u kellna nixtru l-ewwel dar tagħna, dar żgħira l-Ħamrun. Maż-żmien imxejna għal Ħal Balzan u dan l-aħħar sitt snin erġajna mxejna għal flat iżgħar f'Ħal Balzan stess. Fit-tieni dar, li kienet kbira mhux ħażin, kellna esperjenzi sbieħ meta konna nospitaw magħna mistiedna prominenti tal-Moviment ta' Kana. Ospitajna isqfijiet, kardinali, tobba… hu min hu u hi min hi.

**Kif tħares lejn il-ħajja miżżewġa tagħkom?**
Fil-vokabolarju tal-miżżewġin hemm żewġ kelmiet importanti ħafna li trid iżżommhom quddiem għajnejk kontinwament: PAĊENZJA u SAGRIFIĊĊJU. San Ġorġ Preca kien jgħidilna biex fiż-żwieġ niktbu l-kelma paċenzja għal tliet darbiet f'kull kamra tad-dar. Jien ipprattikajt dawn il-valuri fil-ħajja tagħna u nista' ngħid li kienu ta' ġid kbir.

## X'TGĦID MIRIAM DWAR FRANS?

**X'ġibdek lejn żewġek?**
Għalkemm tista' tgħid li konna ġirien San Pawl il-Baħar, ngħid il-verità lil Frans qatt ma kont rajtu. Dawk kienu żminijiet differenti. Wara li tkellimna l-ewwel darba, sirna ħbieb u dak kien l-ewwel pass li nissel fina l-imħabba għal xulxin.

**Kif ħassejtek l-ewwel darba li ltqajtu u ħriġtu flimkien?**
Ferħana. Dik l-ewwel kelma li tiġina f'moħħi. Ferħana. L-ewwel ħarġa tagħna kienet San Pawl stess. Konna ninnamraw bil-ħarba. Il-post favorit konna nsejħulu lovers' lane, għax donnu kulħadd l'hemm kienu jiġbduh saqajh. Niftakar konna nkunu xi tliet koppji jew aktar. Ix-Xitwa kienet differenti, u meta konna noħorġu kien ikollna dejjem lil oħti chaperon



Frans u Miriam ma' Dun Charles Vella, dak inhar tat-tieġ.

magħna. Anzi lill-mama', ma' tantx kienet tgħidilha fuq Frans!

**X'jogħġbok l-aktar fih? Fiex tammirah?**
Jieħu paċenzja bijja, u anki jien bih insomma. Jgħinni ħafna fid-dar u fil-ħidma tiegħi f'Kana. Kemm jista' jkun dejjem flimkien… quddies, nixtru, kull fejn immorru dejjem flimkien.

**Hemm xi ħaġa li ddejqek?**
Le ta. Xi kultant inżomm naqra distanza minnu u ngħidlek għaliex. Frans supporter kbir tal-Manchester United, allura meta jilagħbu għid li t-television mhux se jiċċaqlaq għal xi sagħtejn sħaħ minn fuq l-isports channel. U jekk il-United jitilfu, joqgħod kwiet u ma jitkellimx. Jekk jirbħu b'xi goal wieħed, ma jkunx kuntent lanqas; jgħidli setgħu daħlu 3 oħra! U ara ma tmerieħx!

**Esperjenza sabiħa li kellek ma' żewġek.**
Il-honeymoon. Niftakru qisu l-bieraħ. Jien qatt ma kont sifirt. Ma kellniex wisq flus x'nonfqu, u morna Napli u Ruma. Jien bqajt mistagħġba nara dak ix-xenarju sabiħ, xmajjar u art ma tispiċċa qatt. Dak li kont nistudja fil-geography tal-iskola, issa beda jsir realtà quddiem għajnejja. Kienet esperjenza tal-ħolm.

**Kif tħares lejn il-ħajja miżżewġa tagħkom?**
Ħajja sabiħa, li fiha qsamna kollox bejnietna. Aħna kollox għal xulxin. Żammejna ż-żwieġ tagħna ħaj, u dejjem niċċelebraw id-dati speċjali tagħna b'xi party, imqar żgħir bejnietna. Birthdays, anniversarji tal-25, 40 u 50 sena żwieġ… inħares lura nara ħajja ta' mħabba.

## BĦALA KOPPJA FLIMKIEN

**Meta żżewwiġtu? Kemm ilkom miżżewġin?**
Iżżewwiġina nhar il-31 ta' Ġunju 1959. Ilna 53 sena miżżewġin, kważi 54.

**Kemm kien ilkom għarajjes? U x'tgħidulna dwar jum it-tieġ?**
Domna ħafna għarajjes, għax dak iż-żmien kien diffiċli ħafna biex issib fejn toqgħod jekk ma tħallasx somma kbira ta' flus bħala rigal. Kien jissejjaħ key money. Fuq parir ta' missier Frans u bl-għajnuna tiegħu, xtrajna dar żgħira l-Ħamrun. It-tieġ kien sempliċi u familjari. Il-quddiesa għamilniha fil-knisja ta' San Ġakbu l-Belt Valletta u r-riċeviment fi stabbiliment fi Strada San Zaccharia, li llum m'għadux jeżisti.

**Nafu li intom sinonimi mal-Moviment ta' Kana. Kif beda' l-involviment tagħkom ma' Kana?**
Il-Moviment ta' Kana ġie mniedi f'Jannar tal-1956 mill-Arċisqof Gonzi u aħna attendejna għaċ-ċerimonja tal-ftuħ bħala għarajjes. F'Ġunju Dun Charles Vella, il-fundatur, organizza nofs ta' nhar irtir għall-għarajjes u morna wkoll. F'Ottubru organizza żewġ konferenzi ta' ġurnata għall-għarajjes f'Palazzo Caraffa l-belt u morna wkoll. Meta spiċċat l-aħħar konferenza u konna ħerġin, minn fost dawk l-għadd kbir ta' koppji li attendew, Fr Charles għażel sitt koppji, fosthom aħna, biex ngħinuh fil-Moviment. Minn dak iż-żmien bqajna sallum nagħtu sehemna fil-Moviment. Biss biss Frans għamel 18-il sena segretarju u Miriam 30 sena teżoriera, barra xogħol ieħor skond il-bżonn, kif kien il-Happier Homes tant għal qalb Miriam. Kien żmien li l-Moviment kien jisitieden kelliema prominenti minn barra u dawn konna nospitawhom aħna d-dar. Fost dawn insemmu lill-Kardinal Thomas J Winning, Lady Sue Ryder, L-Isqof ta' Acerra (Napli) Mons Riboldi, il-professur Ian Donald, l-Isqof Ingliż Mahon li dam għandna 12-il jum, l-Isqof, imbagħad aktar tard Kardinal, Murphy O'Connor, ix-xjenzjat professur Jérôme Lejeune li dwaru tkellem Dun Charles fl-aħħar ħarġa tal-Familjakana, l-Isqof Francisco Jose' Cox taċ-Ċile, it-teologu u kittieb għaref Jack Dominian u tant u tant oħrajn.

**X'tgħidulna dwar din il-mixja ta' tant snin li għamiltu mal-Moviment?**
Mixja twila b'ħafna kuluri. Ħdima mad-Diretturi kollha, minn Dun Charles il-fundatur, imbgħad Dun Louis Camilleri u issa Dun Joe Mizzi. Għamilna żmien ukoll norganizzaw it-tour ta' Kana fis-Sajf. Rajna tibdiliet kbar: fil-premises u fix-xogħol li kiber enormament. Meta beda l-Moviment, mhux il-parroċċi kollha approvawh. U anke l-ġenituri tal-għarajjes qishom ma kienux konvinti. Maż-żmien sar popolari għax kulħadd beda jifhem li hemm skop għal din il-ħidma ta' tħejjija u kulħadd beda jattendi għall-laqgħat u l-konferenzi. Ħaġa ġdida kienu l-eżerċizzi għall-koppji għarajjes. Kienu jsiru fil-Knisja tal-Ġiżwiti l-belt u l-attendenza kienet tkun kbira ferm, tant li biex nakkomodaw lil kulħadd konna nikru fuq elf siġġu aktar. Il-Knisja kienet tkun mimlija daqs bajda. Bdew isiru wkoll l-eżerċizzi għall-miżżewġin ġodda. Dawn kienu jsiru fil-Knisja ta' San Publiju l-Furjana. Bdiet issir il-laqgħa għall-miżżewġin ġodda mal-Arċisqof f'Jannar, għax dak iż-żmien il-Festa tal-Familja kienet tkun iċċelebrata f'Jannar. Kienu kollha ideat u inizjattivi ġodda, li llum ġew adottati fuq livell parrokkjali wkoll.

**X'inhu s-sigriet tar-relazzjoni tagħkom?**
Sigriet li niġbruh f'erba' kelmiet: koperazzjoni, paċenzja, għajnuna u talb.

**Għandkom xi parir għall-għarajjes u l-miżżewġin friski tallum?**
Il-parir tagħna huwa wieħed: iż-żwieġ, fost il-ħafna sabiħ tiegħu, huwa wkoll ħajja ta' sagrifiċċju u paċenzja. Wieħed jgħin lill-oħra u viċi versa, bir-rispett, bit-talb. Meta tiżżewweġ il-ħajja tinbidel, ma tibqax ġuvni u xebba. Mela anki l-mentalita' ta' guvni u xebba trid tinbidel. Insiru għotja lil xulxin. Qatt ma norqdu jekk ma ngħidux ir-rużarju kuljum flimkien, u dan jgħin mhux biss spiritwalment. Meta nargumentaw xi ftit u ma nkunux irridu nkellmu lil xulxin, bir-rużarju jkollna niftħu ħalqna għax trid tirrispondi bilfors. U hekk nerġgħu nagħmlu paċi. •